




Il-Kummissjoni Ewropea

# 10 snin tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (il-QEK)

## X'inhu l-QEK u kif jaħdem?

- Imniedi fl-2008**  
Il-QEK huwa qafas komuni ta' referenza ta' tmien livelli bbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim.
- Irrivedut fl-2017**
- L-għaxar anniversarju fl-2018**



## X'inhuma l-objettivi tal-QEK?

Il-QEK għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki tan-nies.


### Għandu wkoll l-għan li:

- jimmodernizza s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ,
- iżid l-impjegabbiltà, il-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali tal-individwi,
- jorbot it-tipi kollha ta' tagħlim u jappoġġja l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim.

## X'inhuma l-eżiti tat-tagħlim?

- L-eżiti tat-tagħlim jesprimu dak li persuna hija mistennija li tkun taf, tifhem u tkun kapaċi tagħmel.
- Dawn jiddeskrivu l-kontenut tal-kwalifiki, filwaqt li jiċċaraw dak li huwa mistenni minn student.
- Huma jappoġġjaw il-progress fit-tagħlim, filwaqt li jagħmluha possibbli li jitqabbel u jiġi kkombinat it-tagħlim minn kuntesti differenti (formali, mhux formali jew informali).

## Liema pajjiżi jipparteċipaw fil-QEK?



## Kif ġie żviluppat il-QEK?



Il-partijiet ikkonċernati mid-dinja tal-edukazzjoni/ it-taħriġ, l-impjegati u s-soċjetà ċivili huma involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-QEK u l-QNK.



Il-kwalifiki kollha b'livell QEK huma sostnuti minn mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex jiġi żgurat li l-kontenut u l-livell tagħhom jista' jiġi fdat.



Il-Kummissjoni  
Ewropea

## X'inhuma l-benefiċċji tal-QEK?

### L-individwi (ħaddiema/studenti) jistgħu...

...jifhmu aħjar il-kwalifiki tagħhom f'termini ta' dak li għandhom ikunu jafu, jifhmu u jkunu kapaċi jagħmlu.

...jifhmu l-livell tal-kwalifika tagħhom fil-pajjiċi Ewropej kollha u kif tirrelata ma' oħrajn.

...isibu impjeg jew jidħlu aktar faċilment għal tagħlim ulterjuri.

### Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu...

...jifhmu aktar faċilment il-kontenut, il-livell u għaldaqstant il-valur tal-kwalifiki ta' dawk li jixtiequ jkomplu bit-tagħlim tagħhom.

...iqabblu u jivvalutaw aktar faċilment il-kwalifiki minn pajjiċi u kuntesti differenti.

### L-impjegaturi jistgħu...

...jifhmu aħjar dak li jafu, jifhmu u huma kapaċi jagħmlu l-impjegati potenzjali.

...iqabblu u jinterpretaw faċilment il-kwalifiki tal-applikanti minn pajjiċi u istituzzjonijiet differenti.

...iqabblu l-kwalifiki ta' applikanti barranin ma' kwalifiki nazzjonali, biex jifhmu r-rilevanza tagħhom u kif jaqblu mal-bżonnijiet tal-kumpanija jew tas-settur.

### Il-korpi ta' rikonoxximent tal-kwalifiki jistgħu...

✓ ...jaċċessaw informazzjoni utli biex jivvalutaw aħjar il-kwalifiki minn pajjiċi ieħor, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell u l-kontenut tagħhom.

✓ ...jirrikonoxxu aktar faċilment il-kwalifiki barranin.



## Sorsi

- Rakkomandazzjoni dwar il-QEK: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017H0615\(01\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017H0615(01)&from=MT)
- Opportunitajiet ta' Tagħlim u Kwalifiki fl-Ewropa: <https://ec.europa.eu/ploteus/mt/home>
- Eżiti tat-tagħlim: <http://www.cedefop.europa.eu/mt/events-and-projects/projects/learning-outcomes>
- Inventarju dwar il-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki: <http://www.cedefop.europa.eu/mt/events-and-projects/projects/national-qualifications-framework-nqf/european-inventory>
- Reġistru tal-Gruppi Esperti tal-Kummissjoni: <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?Lang=MT>